# Kummissjoni Gimgha Mqaddsa

Ijja xewqa tal-kumitat li tinholoq Kummissjoni Gimgha Mqaddsa fi hdan is-socjeta`. Dan biex wiehed ikabbar il-kult tal-Grajja tal-Passjoni tal-Mulej.
Nixtiequ nghidu li fi hsibna li norgnizzaw attivitajiet ghall-Gimghha Mqaddsa tal-2009 kemm fil-kazin kif ukoll barra l-kazin. Dawk kollha interessati li jkunu parti min din il-kummissjoni ghandhom jew jcemplu lis-segretarju fuq 99881876 jew jibghatu e-mail fuq bandakuncizzjoni@hotmail.com.

## Fil-Harga li jmiss ta' "Il-Bandist"

- Rikostruzzjoni tal-Lokal. Fejn wasalna….

http://geocities.com/bandakuncizzjoni/main.html

# Il-Bandist

Ghaqda Muzikali Immakulata Kuncizzjoni ~ A.D.1979
5, Pjazza Kappillan Muscat, Hamrun. HMR1880. Tel:21248952
*www.geocities.com/bandakuncizzjoni/main.html*

**Harga Nru. 29**
**Marzu April ~ '08**

### Kelmtejn ta' l-Editur

Kif tafu ergajna ltqajna permezz ta' dan il-fuljett li s-socjeta` taghan tipprepara min zmien ghal zmien. Tafu intom kemm xoghol ghadna bil-progett fil-kazin, izda ahna lesti li nibqghu nghamlu dak kollu li nistghu biex inzommukom aggornati. Napprezzaw jekk dan il-fuljett ma jintefax go xi kaxxun, izda jinqara u b'hekk inkunu qed nilhqu –ghan tieghu li wara kollox kontu intom il-membri li saqsejtu ghal dan il-fuljett.

Apparti dan kif accennajtilkom diga l-progett tal-kazin ghaddej. L-ewwel u t-tieni fazijiet bdew u tlestew. Issa ghad-fadal t-tilet u l-ahhar fazi tal-progett l-iktar wahda li ser tiehu fit-tul minhabba li jmiss li nimlew u niddekoraw il-kazin. U tafu intom kemm mhux facli li taghmel kollox f'daqqa minhabba l-problema tan-nuqqas tal-finanzi. Kultant xi nies jiskantaw bina kif ghadna mexjin u dejjem lesti ghall-progetti godda. Min hawn, b'wicci min quddiem nghid li kieku ma kienx kumitat serju li qieghed jiehu hsieb li l-finanzi tas-socjeta` jintefqu b'mod ghaqli kieku la bdejna l-ewwel fazi u wisq anqas li ser nillestu t-tielet wahda.

INTI tista tkun ta' utilita` kbira. Dawk kollha li jixtiequ jirreklamaw jew jiktbu xi artikli huma mhegga sabiex jibaghtu l-materjal taghhom fuq l-E-mail t'hawn taht jew jiktbu ittra u jindirizzawha "Editorjal il-Bandist" fl-indirizz t'hawn fuq. Grazzi mill-qalb

*E-Mail ~ bandakuncizzjoni@hotmail.com*

***Bord Editorjali***
Josef Spiteri
Lewis Bezzina
Salvinu P. Zammit

***Proof Reading***
Frans Bezzina

***Hajr***
Frans Bezzina
Helpers li jqassmu l-fuljett

Dan il-fuljett gie mitbuh bl-approvazzjoni tal-Kumitat Ezekuttiv.

**Sezzjoni Reklamar**
**Cempel fuq**
**99881876**

**© Ghaqda Muzikali Immakulata Kuncizzjoni Hamrun**

# Mid-Djarju tal-Kumitat

Il-kumitat wara li kien wasal iz-zmien biex tigi tterminata t-Tieni fazi tal-progett tal-lokal, beda jahseb kif ser jibda (jew ahjar ikompli ) it-tisbieh tal-lokal. U kif stajtu tindunaw kemm mil-bandist li hareg f'Dicembru kif ukoll min gie ghar-repo tal-membri li sar f'Dicembru stess, wiehed seta jara d-diferenza li sehhet fir-ristrutturar tal-lokal. Fl-ahhar harga tajna stampa hafifa, dwar x'tinvolvi t-tielet fazi tal-progett, jigifieri t-tisbih tal-lokal. Issa nistghu nghidu li wasalna biex nibdew it-tielet fazi.

Il-kumitat f'Dicembru reggha organizza r-repo tal-membri, fejn fost l-ohrajn tajna sorpriza lil min kien prezenti. Kellna fostna lis-sur Colin Calleja (Charman, ghall-Fond ghall-Kawzi Gusti), li dan f'isem il-ministeru ghaddilna s-somma ta' €12,000 bhala parti mill-infieq fuq il-progett tal-lokal. Min hawn nixtiequ nergu nie-hdu l-okkazzjoni sabiex nirringrazzjaw lilu lill-membru parlamen-tari Tonio Fenech u l-kumitat tal-fond ghall-kawzi gusti li ghogobhom jghatuna din is-somma.

Apparti dan f'Dicembru wkoll kellna l-unur li nilqghu fostna fil-kazin lill-Ecc. Tieghu Mons. Pawl Cremona Arcisqof ta' Malta li wara l-quddiesa tat-8 ta' Dicembru Jum l-Immakulata ghogbu jigi jzurna wara li ahna stedinnieh. Il-kumitat ipprezenta karlotta lill-Ecc. Tieghu u hu ghogbu ihallijha fil-kazin biex tkun rikordju taz-zjara tieghu.

Delegazzjoni mill-kumitat imbaghad regghet ghamlet zjara ta' kortezija lill-Ecc. Tieghu Mons. Pawl Cremona fil-palazz tieghu fil-Belt Valletta biex nawgurawlu xewqat sbieh ghas-sena l-gdida. Huwa laqghna b'ferh kbir.

... Tkompli ghall-pagna 6



... Tkompli minn Pagna 6

decieda li bhalissa m'ahniex f'puzizzjoni finanzjarja li nghamlu program.

Issa li riesqa l-festa qed nahsbu biex nippreparaw l-ahhar affarijiet li ghad fadal biex niccelebraw festa ohra kif jixraq lil-ommna Marija Immakulata. Ghalhekk nitolbu kull ghajnuna kemm manwali kif ukol finanzjarja sabiex ilprogetti lki ghandna f'mohhna nwettquhom.

*Kull min jixtieq jirreklama fil-bandist jew fil-fuljett annwali tal-festa ghandu jcempel fuq 99881876*

**Skola ta' Taghlim tal-Muzika B'XEJN**

**Il-kazinn taghna qed joffri l-ghajnuna u t-taghlim kollu tal-muzika. Diga hemm diversi allievi li qed jattendu il-kazin ghall-lezzjonijiet. Kull minn jixtieq li jattendi ghall-dawn il-lezzjonijiet b'xejn ghandu jimla` din il-formula u jibghata l-kazin.**

**Isem u Kunjom** ______________________________

**Indirizz** ______________________________

______________________________

**Tel/ Mob:** ______________________________

**E-mail** ______________________________

# Mid-Djarju tal-Kumitat

... Tkompli minn Pagna 2

F'Jannar delegazzjoni ohra mill-kumitat hadet sehem fil-quddiesa organizzata mill-istess Arcisqof fil-Knisja Parrokkjali tal-Floriana ghall-dawk kollha li b'xi mof jew iehor jorganizzaw il-festi Maltin.

Sadanittant il-kumitat beda jahdem fuq it-tilert fazi fejn bdejna ngibu l-istimi ghas-suffetti tal-kazin. Ghamilna talba lill-MEPA sabiex nigwadanjaw mill-offerta li harget hi stess ghal bdil jew trangar ta' gallariji tal-injam. Permezz tal-perit taghna M. Falzon applikajna u rcevejna mill-MEPA li ahna nistghu ngawdu minn Lm 600 refund fuq bdil tal-gallarija li waslet ghall-dawra minhabba li ghanda xi hsarat konsiderevoli. Waqt li kienu ghaddejjin l-ahhar xogholijiet fuq is-soqfa tal-kamra tal-kumitat, skoprejna li s-saqaf kellu hsarat konsiderevoli f'bosta xriek. Ergajna kellimna lill-perit M. Falzon fejn wara li gie l-kazin u ra l-hsarat huwa taghna parir li –il quddiem is-saqaf irid jinbidel. Il-kumitat iddecieda li ghalissa jibqa kif inhu minhabba l-ispejjez li ghadna. Aparti hekk beda l-garr ta' xi ghamara biex issa tiehu posta fil-bini tal-kazin. Ippo-sponejna id-data tal-bidu tas-suffetti minhabba din il-bicca xoghol u lestejna t-tieni fazi min kollox.

Kellna diversi laqghat mas-surmast Direttur Mro Ivan Borg u l-assistant tieghu Mro Tony Carbonaro rigward il-programm tal-festa. Tkellimna wkoll fuq il-Kuncert li xtaqna li jsir flok l-akkademja. Biss pero l-kunsill lokali mhuwiex lest li jhallas dan il-programm kif kien mifthiem fuq l-akkademja u allura l-kumitat id-

... Tkompli ghall-pagna 7



# Kummissjoni Gimgha Mqaddsa

Ijja xewqa tal-kumitat li tinholoq **Kummissjoni Gimgha Mqaddsa** fi hdan is-socjeta`. Dan biex wiehed ikabbar il-kult tal-Grajja tal-Passjoni tal-Mulej.

Nixtiequ nghidu li fi hsibna li norgnizzaw attivitajiet ghall-Gimghha Mqaddsa tal-2009 kemm fil-kazin kif ukoll barra l-kazin. Dawk kollha interessati li jkunu parti min din il-kummissjoni ghandhom jew jcemplu lis-segretarju fuq 99881876 jew jibghatu e-mail fuq bandakuncizzjoni@hotmail.com.

---

## KIRI TA' SIGGIJIET

Dawn jistghu jinkrew ghall-prezz ta' 30 ewro centezmi –il wiehed.
Ghal aktar informazzjoni tista` tkellem lill-barman jew membri tal-Kumitat.

# Il-Gganti tal-Muzika

Il-Gganti tal-Muzika

... minn Frans Bezzina

... minn Frans Bezzina

Georges (Alexander Cesar Leopold) Bizet twieled nhar il-25 t'Ottubru 1838 ġewwa d-dar modesta tal-familja f'Montmartre Pariġi. Ommu Aimée pjanista dilettanta, innotat minn kmieni t-talent kbir li kellu l-uniku iben tagħha Georges. Ta' erba' snin bdiet tgħallmu l-mużika flimkien ma' l-alfabett. Missieru Adolphe, li kien jagħmel il-parrokki, qaleb għal għalliem tal-kant u l-ftit tagħlim li kellu għaddih lil ibnu. Dan l-entużjażmu fit-tagħlim ta' binhom ta l-frott. L-imħabba li Georges kellu lejn il-letteratura ippruvaw joħonquhielu billi ommu ħbietlu l-kotba biex b'hekk ikun jista' jikkonċentra aktar fuq il-mużika. Dan ħadem. Infatti fid-9 ta' Ottubru 1848, ta' 12-il sena rebaħ post fil-Konservatorju ta' Pariġi. Fi ftit xhur beda jirbaħ premjijiet għad-daqq tal-pjanu. Ħafna għalliema riedu jgħallmuh huma. Saħansitra, professur irtirat baqa' jaħdem minħabba fih. Charles Gounod mill-ewwel tefa' għajnejh fuqu. Bizet kellu memorja tal-għaġeb u kien ka-paċi jifhem u jiżviluppa dak li jitgħallem.

Bizet ma marx żmerċ. Daq l-ewwel suċċess fl-1857 meta rebaħ il-Gran Premio di Roma (flimkien ma' ieħor). Kellu futur tad-deheb. F'Jannar ta' l-1858, ta' 19-il sena, mar Ruma fejn għamel ħafna ħbieb. Għalkemm ma tantx kien grazzjuż, il-karnaġġjon roża, xagħru *fair* u folt u s-sens ta' umoriżmu tiegħu kienu jiġbduk u kien milqugħ minn kulħadd.

Id-daqq tiegħu fuq il-pjanu kien isaħħar lill-kompożituri kbar ta' żmienu, fosthom Franz Liszt. Ironikament hawn f'Ruma beda jiddubita mill-kapaċitajiet tiegħu. F'kompetizzjoni ta' mużika sagra daħal b'opra komika, li s'intendi ma rebaħx. Waqt vaganza fl-1859, waqt li kien idur b'ħabib marid, ħa infezzjoni kronika fi griżmejh. Din kellha riperkussjoni fuqu matul ħajtu li finalment ġabitlu l-mewt kmieni. Fl-1860 Bizet irritorna Pariġi biex jistabbilixxi ruħu bħala kompożitur. Sena wara fl-eta' ta' 45 sena mietet ommu. Din kienet daqqa kbira għalih peress li ommu kienet tapprovalu ħafna x-xogħlijiet tiegħu u hu kien jafda ħafna fiha.

Fl-1862 spiċċawlu l-flus li kien rebaħ f'Ruma u kellu jidħol jaħdem ma' pubblikatur tal-mużika. Biex ilaħħaq max-xogħol spiss kien jaħdem sittax-il siegħa kuljum. Dan ftit tah ċans li jsib ħin biex jikkomponi. Għal sitt snin ħafna xogħol tiegħu spiċċa rmied għax ħass li ma kienx ta' livell. Madanakollu xi xogħlijiet ħelsu min-nar fosthom l-opra "The Pearl Fishers" li kellha suċċess imdaqqas (għalkemm m'għogbietx lill-kritici). Fl-1866 "The Fair Maid of Perth" intlaqgħet minn kulħadd. Biex jaqla' aktar flus beda jidħol, bla suċċess, f'kompetizzjonijiet mużikali. Kif stqarr mal-*publisher* tiegħu beda jaħseb li din kienet konġura konrih.



Bizet ma tantx gawda ħajja b'saħħita. Kellu qalbu dgħajfa u kien ibati bir-rewmatiżmu. Il-ħafna xogħol bagħtu lura wkoll. Fl-1863 biegħ id-dar tal-villeġġatura li kellu missieru. Ta' 21 sena beda relazzjoni ma' ex-prostituta li kienet taħdem fiċ-ċirklu. Din aktarx ispiratu biex jikteb il-kapolavur "Carmen".

Fl-1867 Bizet tefa' għajnejh fuq tfajla ta' tmintax-il sena, Genevieve Halevy, bint ex-għalliem tiegħu. Wara sentejn ta' tilwim mal-familja tagħha huma żżewġu fit-3 ta' Ġunju 1869.

Minħabba l-gwerra bejn Franza u l-Prussja fl-1870 Bizet ingaġġa fil-Gwardja Nazzjonali. Batew il-ġuħ tul l-assedju xitwi. Fis-sajf marru Bordeaux fejn martu qabadha *breakdown*. Irritornaw Parigi fejn Bizet beda jikteb opra wara oħra bi ftit success (dan is-suċċess iżda ġie wara mewtu). Kellu tama kbira fl-opra Don Rodrigue pero' sfortunatement it-teatru fejn kienet ser tittella' ħa n-nar fl-1873. Hawn beda jikteb il-kapolavur tiegħu "Carmen". Minħabba l-ħruq tat-teatru u problemi oħra, din l-opra ntweriet għall-ewwel darba nhar it-3 ta' Marzu 1875. Għal darb'oħra dan ix-xogħol kellu laqgħa ostili kemm min-nies u anke mill-kritici.



Issa Bizet sofra minn at-takk fi griżmejh kaġun ta' l-infezzjoni li kien ħa kmieni f'ħajtu. F'Mejju telaq mill-qalba ta' Parigi u mar jgħix fis-subborg għal arja aħjar. Għawma fix-xmara Seine swietlu attakk ta' rewmattiżmu, u wara, żewġ attakki tal-qalb. Georges Bizet miet nhar it-3 ta' Ġunju 1875 f'jum is-sitt anniversarju tat-tieġ tiegħu. Kien għad għandu 37 sena.

Għalkemm f'ħajtu ftit kellu suċċess, ix-xogħlijiet tiegħu għadhom popolari u għadhom jindaqqu sal-lum.